# SME HELPDESK

PUBBLIKAZZONI 20
4 TA' SETTEMBRU 2015

# SME Week 2015 – Żewġ attivitajiet għalikom, l-*Employers*, sidien ta' negozji żgħar.

Ħbieb,

Bdejna ix-xahar ta' Settembru, xahar li fih bħala *MEA - SME Helpdesk*, ser inkun impenjat mhux ħażin, sabiex nipprepara sew għaż-żewg attivitajiet li ser inkunu qed norganizzaw bħala parti mill-*SME WEEK 2015.*

Bħas-snin imgħoddija, l-MEA qeda tkun parteċipattiva fil-programm ikkoordinat mis-Segretarjat fi ħdan il-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar. Bħala *SME Helpdesk* tal-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, bil-koperazzjoni tal-istess Segretarjat ser inkunu qed norganizzaw żewg attivitajiet importanti.

Nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru 2015, fil-lukanda Le Meridien St Julian's, ser norganizzaw *Business Breakfast* bit-titolu, *"How the digital economy is changing the role of the employers?".* Attivita' li għaliha qed nistiednu lis-sidien ta' negozji żgħar, speċjalment lil dawk li jixtiequ jakkwistaw aktar għarfien dwar l-ekonomija diġitali, u kif id-diġitazzjoni qed taffettwa l-operat tan-negozji Maltin.

Diġitazzjoni u n-negozji – tinstema kelma diffiċli, iżda din ma tfisser xejn għajr definizzjoni dwar l-użu tal-*computer, l-internet*, u l-*IT* u kif dan qed jaffettwa il-qasam tan-negozju. Diġitazzjoni li illum ħadd ma jista ma jagħtix kasa. Suġġett li illum jolqot lil kullħadd. Aspett li qed jiżviluppa kontinwament, u li taf kemm taf, qatt ma taf biżżejjed fuqu.

Attivita' li għaliha ser ikunu mistednin tlett imprendituri li fil-preżentazzjonijiet tagħhom, ser ikunu qed jispjegawlna kif id-diġitazzjoni qed taffettwa l-operat tal-*employers*, minn diversi aspetti differenti, u x'nistgħu nagħmlu sabiex inżommu l-pass mal-progress li qed isir f'dan il-qasam.

Barra minn hekk ser ikollna mistiedna panel ta' esperti, li ġejjin

**Segretarjat ta' l- MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Avukat*
Dr. Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© SME HELPDESK hu ippreparat u ċċirkulat mill-
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

35/1, Triq Nofs in-Nhar
Valletta VLT 1100, Malta
t: (+356) 21237585, 21222992
24/7 helpline: (+356) 21222006
f: (+356) 21230227
www.maltaemployers.com

CORPORATE SPONSOR




mill-PPCD, mid-Dipartiment tal-Kuntratti, mill-Malta Enterprise, mill-MCA, kif ukoll minn Digital Malta, li barra li ser ikunu hemm biex iwieġbu għall-mistoqsijiet, ser jispjegawlna kif dawn l-istess entitajiet qed joffru l-għajnuniet tagħhom lis-settur tan-negozju, u kif huma qed jiddisiminaw informazzjoni utli permezz tad-dinja diġitattiva.

Attivita' li ir-registrazzjoni għaliha ser ikun bla ħlas, u nappella minn issa biex kull min hu interessat ma jħallix għall aħħar biex jinfurmana li jixtieq li jattendi.

L-attivita' l-oħra hija ppjanata li ssir nhar it-Tlieta 6 ta Ottubru 2015, fil-*premises* tal-MEA, 35/1, Triq in-Nofs in-Nhar, Valletta, bejn is-2.00pm u l-4.30pm. Din ser tkun info session, bit-titolu *Family Businesses in Malta – are they all pro-digital?*. Kif tistgħu tindunaw mit-titolu, din l-attivita hi indirizzata għal dawk is-sidien ta' negozji tal-familja, li jixtiequ jisimgħu kif u jekk is-settur hux qed jżomm il-pass mal-progress diġitali, kif id-diġitazzjoni qed tolqot mill-viċin lin-negozji tal-familja. Issa li għaddejja l-liġi tan-negozji tal-familja, ser inkunu qed nidħlu ukoll, ftit aktar fid-dettall ta' kif din l-istess liġi ser tkun qed taffettwa, tiggwida u tgħin diversi negozji tal-familja.

Żewġ attivitajiet li qed nippretendu attendenza tajba għalihom, għaliex il-preparamenti għalihom minn naħa tagħna qed isiru b'mod professjonali, u l-materjal li ser ikun qed jiġi mogħddi lil kull min ser jattendi, ser ikun utli u ta' interess.

Biex tirreġistraw għaż-żewġ attivitajiet, jekk jogħġobkom ibgħatu nfurmawna fuq admin@maltaemployers.com jew ċemplu fuq 21237585 / 21222992 sa mhux aktar tard mit-22 ta' Settembru 2015,

Nispera li narakom

Tislijiet

Anton

